**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 31 ta' Jannar 2023**

**Talba numru 78/2022 SFJ**

**INSPIRATIONS LIMITED (C-41431)**

**ROBERTA JOHNSTON (KI 206682 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet:

> "*Illi s-Socjeta'esponenti tinsab kreditrici tal-intimata fis-somma ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52), ghal servizzi esegwiti w moghtija w ghal merkanzija mibjughha lill-istess intimata fuq karigu taghha stess, kif jidher dettaljat fil-kuntratt w rendikonti hawn annessi w immarkati DOK A u B rispettivament;*
>
> *Illi minkejja illi r-rendikonti msemmija ntbaghtu lill-intimata u inoltre illi s-socjeta' esponenti interpellatha diversi drabi sabiex thallas il-bilanc hekk dovut, hija baqghet inadepjenti. Ghaldaqstant, previ ghal kull dikjarazzjoni li*

*tista' tirrizulta mehtiega, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li, ghal ragunijiet permessi, dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

*(1) Jiddikjara li l-intimata hija debitrici tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52);*
*(2) Jikkundanna lill-intimata sabiex thallas lis-socjeta' esponenti is-somma ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52);*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja numru 304/2021 u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skont l-Artiklu 26A u 26E tal-Kodici tal-Kummerc u d-Direttiva 2011/7EU, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment konvenut li jibqa', minn issa' ingunt ghas-subizzjoni;*

Illi l-ewwel nett dan it-Tribunal jirrileva illi ma jahsibx illi Roberta Johnston (KI 206682M) hija 'bastiment konvenut' u temmen illi dan kien lapsus min-naha tal-avukat Elisa Borg Rizzo, li iffirmat ir-rikors li jinsab a DOK C, anness mal-Avviz;

It-Tribunal josserva illi wara li saru diversi tentativi ghan-notifika tal-konvenuta, kellha tigi adoperata l-procedura tal-affissjoni w tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u fil-gazzetti lokali.

It-Tribunal ra li l-konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas dehret ghall-ebda seduta.

It-Tribunal ra dokumentazzjoni pprezentata mal-istess Avviz kif ukoll sema' lil Dr Elisa Borg Rizzo li ddikjarat taht gurament illi ghandha rapprezentanza legali tas-socejta' attrici u cioe' ta' Inspirations Limited. Dr. Elisa Borg Rizzo, taht gurament, ikkonfermat illi l-ammont ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52) ghadu dovut u li sa llum ma sar l-ebda hlas.

Dr. Elisa Borg Rizzo infurmat lit-Tribunal illi dan l-ammont kien balance ta' merkanzija fuq ordni taghha stess u li din il-merkanzija kienet ghamara. Mid-dokumenti mressqa, jidher illi l-kumpanija Inspirations Limited, li hija l-Atrium, bieghet xi ghamara lill-konvenuta.

It-Tribunal jirreferi ghax-xhieda tal-avukat Dr. Elisa Borg Rizzo.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ra id-dokumentazzjoni relattiva u sema' lil dan ix-xhud, jikkonkludi li s-Socjeta' attrici timmerita li tiehu dan l-ammont riklamat skont l-Avviz tat-talba, u cioe' is-sorte indikat ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52).

## **<u>Deċide</u>**

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' w jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fir-rigward li tiddikjara illi l-konvenuta hija debtrici tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' tlett elef, tliet mija w zewg ewro u tnejn u hamsin centezmu (EUR3,302.52) u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas l-istess somma lis-socjeta' esponenti.

It-Tribunal ma jilqax it-talba tal-ispejjes tal-ittra gudizzjarja, numru 304/2021, peress illi ma gietx ipprezentata l-ebda prova ta' dan, izda jilqa' t-talba tal-imghax li ghandu jinterkorri b'rata mhux oghla mir-rata massima permessa skont il-Ligi mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna illi l-ispejjes tal-kawza ghandhom ukoll jithallsu mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**